SAN LAWRENZ

Il-Minuti tat-tnejn u għoxrin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar il-Ġimgħa 12 ta' Dicembru 2008 fl-10:00 ta' filgħodu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

**Preżenti:**

*Sindku:* Noel Formosa

*Viċi-Sindku:* Anthony Formosa

*Membri:* Luigia Grima
John Mercieca
Joseph Sultana

*Segretarju Eżekuttiv:* Lucienne Haber

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**3.0 Korrispondenza**

3.1 Giet trattata l-ittra mingħand is-Sinjura Ġemma Debono tal-Monitoring Unit tad-Dipartiment rigward xi punti li ġibdet attenzjoni dwarhom mir-risposta ta' l-ittra tagħna fosthom fejn talbet spjegazzjoni għal proġett tas-*solar water heater* u għall-għajnuna li l-Kunsill qed jagħti lill-applikazzjoni tal-proġett tar-restawr tal-faċċata tal-knisja. Il-Kunsill qabel li għandu jirrispondi u juri li f'dawn iż-żewġ proġetti l-Kunsill mhux ser joħroġ l-ebda flus. Li qed jgħin lill-parroċċa huwa biss fl-amministrazzjoni tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

3.2 Ġiet trattata l-ittra mingħand il-programm L-Istrina fejn talbu d-donazzjoni tagħna. Il-Kunsill qabel li minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu, din is-sena jaqbel li ma tingħata l-ebda donazzjoni.

3.3 Ġiet trattata l-ittra mingħand il-Moviment ta' Kana, rigward il-Premju Familja Qalb tad-deheb.

3.4 Ġiet trattata l-applikazzjoni tal-izvilupp bin-numru PA 4945/08. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**4.0 Attivitajiet tal-Milied.**

4.1 Il-Kunsill qabel li bħala attivitajiet tal-Milied għandu jagħmel biss il-festin tat-tfal. Sar qbil li bħala ikel nippreparaw xi affarajiet aħna u bħala rigali għat-tfal għandna nagħtuhom milli fadal minn tas-snin ta' qabel u jekk jonqos xi bżonn nixtru xi ġugarelli żgħar. Sar qbil li din l-attivita għandha ssir nhar il-Ġimgha 26 ta' Diċembru.

4.2 Bħala festin għall-għaqdiet, din is-sena l-Kunsill qabel li minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu jaqbel li ma jsirx.

4.3 Rigward il-*meals on wheels* għal dawk li jgħixu waħidhom, il-Kunsill qabel li għandna mmorru għas-servizz offrut mill-Gvern Centrali għal prezz ta' €2.33 għal kull ikla.

4.4 Attivita oħra konnessa mal-festi tal-Milied għandha tkun ukoll il-videokonferenza li għandha ssir ma' ħbiebna ta' Colle Umberto u La Ballme de Sillingy. Din l-attivita' ser issir nhar is-Sibt 20 ta' Diċembru fit-8:00 ta' filgħaxija.

**5.0 Siġra tal-Milied**

5.1 Is-Sindku rrefera għall-miġja tas-siġra tal-Milied u għall-organizazzjoni tat-twaqqif tagħha. Sar qbil li għandna nqabbdu lil Lewis Grima biex jimmaniġja x-xogħol tat-twaqqif tagħha hu.

5.2 Is-Sindku semma' li huwa mportanti ħafna li s-siġra tkun mwaqqfa u mixgħula sal-20 ta' Dicembru, dakinhar tal-videoconferencing. Sar qbil ukoll li dakinhar tal-videokonferenza għandha ssir ġabra qalb dawk preżenti b'risq il-Missjoni tal-Benin li qed tiġi amministrata minn xi persuni minn Colle Umberto.

**6.0 Il-proġett tas-Solar Heaters.**

6.1 Il-Kunsillier Joe Sultana staqsa dwar minn liema materjal ser ikun it-tank tas-*solar heaters*, jekk hux minn *stainless steel* jew *galvanized.* Is-Sindku semma li minn pariri teknici qed jirrizulta li l-aħjar materjal huwa dak *glass lined.* Is-Sindku semma li f'dan l-istadju qed nirċievu l-applikazzjonijiet mingħand il-pubbliku u qegħdin nilqgħu ukoll kwotazzjonijiet mingħand l-aġenti biex nakkwistaw l-aħjar prodott bl-aħjar prezz li jikkwalifika għar-rebate mogħtija fil-budget. Huwa semma wkoll li stħarreġ dwar liema huwa l-aħjar prodott hux dak tat-tubijiet jew tal-panels. Huwa semma li minn parir ta' persuni ndipendenti tawna parir li mmorru għal *solar heater* tal-panels peress li huma l-aktar addattati għall-klima mediterranja tagħna.

6.2 Is-Sindku semma wkoll li gie kkuntatjat mill-GRTU biex jistaqsu dwar dan il-proġett u jekk aħniex ħa nistabilixxu xi kumpanija. Is-Sindku qal li din il-Union ġiet avviċinata minn xi aġenti u huwa għamilha ċara magħhom li l-Kunsill qed jilqa kull offerta u dawk li joffru l-aħjar prodott bl-aħjar prezz ser naħdmu magħhom. Huwa semma li f'dan ir-rigward talab il-parir tas-Segretarju Parlamentari Chris Said dwar jekk hemmx il-ħtiega li noħorgu offerta, u s'issa għadna qed nistennew ir-risposta tiegħu. Il-Kunsill qabel li f'dan ir-rigward għhandna nistennew minn ħandu u nimxu skond il-gwida tiegħu.

6.3 Is-Sindku semma wkoll li l-PrimMinistru huwa nfurmat b'dan il-każ u wegħdna ukoll kull sapport tiegħu.

6.5 Il-Vici Sindku ssugerixxa li nibghatu applikazzjoni f'kull dar. Sar qbil li dawn jibqgħu jintlaqgħu sal-31 ta' Dicembru. Il-Kunsill qabel ukoll li l-proġett għandu jkun ristrett għall-komunita ta' San Lawrenz biss.

**7.0 Ħarga għall-anzjani**

7.1 Sar qbil li għandha ssir ħarġa oħra għall-anzjani nhar it-Tlieta 23 ta' Diċembru. Sar qbil li għandha ssir quddiesa fil-Knisja ta' Sant'Antnin Għajnsielem u wara neħduhom jaraw il-presepju ħaj bl-isem "Betlehem" f'Għajnsielem stess. Sar qbil ukoll li bħala ikel għandna neħduhom għand Xerri l-Bukkett.

**8.0 Materji ohra**

8.1 Is-Sindku Noel Formosa rrefera għal fatt li l-ħadid tal-*playing field* qiegħed jissaddad. Huwa semma li kkuntatja lis-Sur Joe Caruana li kien ggalvanizza dan il-ħadid u qal lis-Sindku li dak għandu għaxar snin garanzija. Huwa qallu ħa jara sew jekk hux responsabbli tal-ħsara.

8.2 Il-Vici Sindku Toni Formosa rrimarka li dik il-biċċa ħadida li kellu jagħmel George Grech baqgħet ma twaħħitx. Is-Sindku semma li kienu diversi drabi li kkuntatjah u saħansittra bgħatna lill-ħaddiema tagħna għaliha iżda dan baqa' ma fetħilhomx.

8.3 Il-kunsilliera Luigia Grima talbet sabiex issir manutenzjoni lill-bandi billi jingħatalhom ftit żejt. Sar qbil li għandna nqabbdu lill-ħaddiema tal-Kunsill sabiex jagħmlu dan it-tip ta' manutenzjoni.

8.4 Il-Kunsillier John Mercieca talab sabiex nagħmlu Stop Sign ħdejn il-monument ta' Dun Ġuzepp Cauchi u wkoll biex nieħdu ħsieb nagħmlu l-isleeping policeman fi Triq Nicholas Monsarrat.

8.5 Is-Sindku semma wkoll li għandna nikkuntatjaw lil Louis Portelli tar-Roads saibex nisbħu *yellow lines* mal-bidu ta' Triq il-Wileġ u *middle line* f'nofs ta' l-istess triq biex jidderieġi t-traffiku.

8.6 Il-Viċi Sindku semma' li sema' xi għajdut li ser jinżamm *film* ieħor fid-Dwejra. Hawnhekk il-kunsillier Joe Sultana staqsa kemm kienet id-donazzjoni moghtija mid-direzzjoni ta' l-aħħar film. Is-Segretarja weġbitu li skond l-ircevuta li tidher fl-aħħar skeda ta' pagamenti u rċevuti, id-donazzjoni kienet dik ta' €500.

8.7 Saret diskussjoni dwar fejn nistgħu npoġġu l-bring-in-sites mill-post fejn qegħdin preżentament. Il-Kunsill qabel li għandu jiddiskuti mas-surmast tal-iskola dwar il-possibilita' li dawn jitpoġġew fl-entratura tal-iskola. Ġiet diskussa l-possibilta' wkoll li dawn jitpoġġew fil-bidu ta' Triq Nicholas Monsarrat, fuq il-bankina tal-Belveder. Il-Kunsill qabel li għandu jimxi fuq l-ewwel proposta u fil-każ nerġgħu niddiskutu l-każ fil-laqgħa li jmiss.

8.8 Is-Sindku semma li l-applikazzjoni tan-*neutering* tal-klieb u l-qtates ser jibqgħu jintlaqgħu biss sal-aħħar ta' Diċembru. Sar qbil li għandna nerġgħu noħorġu avviż b'din l-inizzjattiva.

Il-laqgħa ntemmet fil-11:30 ta' filgħodu.

***Noel Formosa***
***Sindku***

***Lucienne Haber***
***Segretarju Ezekuttiv***